# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 689/97

Raymond Vella
vs
Direttur tad-Dipartiment tal-Inland Revenue u b’ digriet tat-3 ta’ Mejju 1999 giet korretta ghal Kummissarju tat-Taxxi Interni

Illum 10 ta’ April, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta’ Mejju 1987 u l-15 ta’ Mejju 1995 u b’mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta’ bejn l-1987 u l-1995 ir-rikorrent sofra ingustizzja f’li gie msejjah bhala haddiem irregolari;

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor illi r-rikorrent beda jahdem mal-Awtorita` tad-Djar bhala Messenger Grade 2 b' letter of appointment datata 17 ta' Marzu 1987.

Illi ftit zmien wara l-elezzjoni generali tal-1987 ir-rikorrent gie trasferit ghad-dipartiment tas-Successjoni bl-istess grad ta' Messenger 2 u wkoll gie dikjarat bhala haddiem irregolari. Illi r-rikorrent xorta wahda baqa' jiehu l-paga ta' Messenger 2 bhal ma kien jiehu meta kien jahdem mal-Awtorita` tad-Djar;

Illi fl-1992 ir-rikorrent gie offrut jew li jaccetta mpieg mal-Gvern bhala General Hand jew li jigi mkecci minn fuq xogholu. Illi l-grad ta' General Hand huwa inqas minn dak ta' Messenger 2. Illi r-rikorrent ma kellu ebda ghazla ohra hlief li jaccetta li jahdem bhala General Hand u dan b'effett minn Jannar 1992. Illi minhabba f' dan it-tnaqqis fil-grad, ir-rikorrent tilef il-beneficcji kollha ta' Messenger 2 kif wkoll xi promozzjoni li huwa seta' kkwalifika ghaliha.

Illi ir-rikorrent kien bi hsiebu jgib quddiem dan it-tribunal biex isostni l-ilment tieghu, lix-xhieda kollha indikati fir-rikors.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jigi restitwit fil-grad ta' Messenger 2 b'effett mill-ewwel ta' Jannar 1992 u li jiehu l-flus dovuti lilu f'paga u overtime jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi

ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' Lm5000 jew kif jiddeciedi dan it-Tribunal.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni li eccepixxa illi fl-ewwel lok jinghad li l-occhio tar-rikors odjern gie erroneament bhala indikat "Raymond Vella vs Direttur tad-Dipartiment ta' l-Inland Revenue" minflok "Raymond Vella vs Kummissarju tat-Taxxi Interni" u li ghaldaqstant jitlob li ssir il-korrezzjoni opportuna.

Illi l-ilment principali huwa nfondat stante li r-rikorrent qed jilmenta li kien gie mgieghel jaccetta mpjieg bhala General Hand "jew li jigi mkecci minn fuq xogholu".

Illi fil-fatt, minhabba li r-rikorrent kien ghadu irregolarment impjegat id-Direttur tal-Management & Personnel Office fl-Ufficju tal-Prim Ministru ha passi biex jirregolarizza dan l-impieg (kif del resto huwa maghruf li sar fil-kaz ta' hafna ohrajn) u dan billi mexa skond ic-cirkolari mahruga mill-istess Ufficcju tal-Prim Ministru fit-30 ta' Novembru 1992 (riferenza MPO/69/91) u hareg l-ittra tal-hatra lill-istess rikorrent fl-istess data li biha gie mahtur fi Grupp "A" u b'hekk f'impieg regolari (Dokumenti "A" u "B").

Illi in sostenn, qed jigi rilevat ukoll li sussegwentement, u cioe` fis-26 ta' Awissu, 1994 ir-rikorrent accetta li jaghmel ix-xoghol ta' General Hand fi Grupp "A" meta huwa ffirma d-dikjarazzjoni tal-

Klassifikazzjoni "Regrading" u Assimilazzjoni tal-Gradi Ndustrijali u Supervizuri u b'hekk minn skala 20 dahal fi skala 19 (Riferenza OPM/MPO/14/95) u li in forza ta' l-istess ftehim ir-rikorrent gie assimilat fil-Grad imsemmi kif indikat fl-ittra tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) tat-18 ta' Lulju 1995 (Dokumenti markati "C" u "D").

Illi ghaldaqstant jirrizulta car u manifest li 'l hekk imsejha hatra ta' "messenger 2" kienet irregolari u nulla peress li l-bazi taghha kien effettivament l-impjieg irregolari kif gia inghad.

Illi finalment, l-intimat talab li t-talbiet tar-rikorrent jigu ghaldaqstant michuda.

Bl-ispejjez.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat flimkien mad-dokumenti annessi.

Ra l-atti kolha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi b' referenza ghall-ewwel eccezzjoni tal-intimat ir-rikorrent talab il-korrezzjoni opportuna li giet milqugha fit-3 ta' Mejju 1989.

Illi r-rikorrentipprezenta affidavit fejn ikkonferma l-fatti msemmija fir-rikors.

Meta xehed semma li kienu baghatu ghalih il-General Workers Union u s-Sur Mario Cutajar kien qallu li jew sejjer jaccetta li l-impjieg tieghu jsir minn Messenger 2 ghal General Hand jew altrimenti jispicca mkecci 'l barra u fuq parir tieghu accetta li jsir General Hand. Qabel ma dahal fl-impjieg mal-Gvern kien jahdem mal-Quality Shoes, fabrika parastatali. Semma li applika, marru tal-Labour Office u ghamlulhom ezami. Zied li f' Jannar 1992 il-pozizzjoni taghhom kienet giet regolarizzata u minn Messenger 2 spicca Group A.

George Sammut Assistent Direttur fid-Dipartiment tat-Taxxi Interni xehed li r-rikorrent kien dahal fid-Dipartiment fl-1987. Kellu x-xoghol ta' Messenger u Driver u ghadu jaghmel dak ix-xoghol sal-lum apparti xi xoghol ta' refurbishment li jaghtuh jaghmel waqt overtime. Hu kien mar mill-Housing Authority fejn kien jahdem bhala Messenger. Mill-files jirrizulta li kien dahal jahdem bhala irregolari pero` meta mar id-Dipartiment tat-Taxxi Interni kien jithallas ta' Labourer.

**KONKLUZJONIJIET :**

It-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li qal fil-kawza fl-ismijiet Carmel McKay vs Chairman Bank Of Valletta deciza fit-30 ta' Gunju 1999 rikors numru 140/97 fejn qal:

"Illi ghalhekk irrizulta li l-impieg tar-rikorrent kien wiehed irregolari u dan kien anke konfermat hekk mill-Kumitat ta' Verifika f'liema kumitat kien hemm ir-rapprezentanti tal General Workers' Union. Intlahaq ftemim li ma kienx gie attakkat b'ebda mod mir-rikorrent. Skond dan il-ftehim l-impieg tar-rikorrent kellu jitqies bhala irregolari u casual. Ghalhekk it-trasferiment tieghu kien validu u regolari. Ir-rikorrent dejjem sostna li pero' fil-konfront tieghu kien hemm distinzjoni minhabba l-fatt li l-Bank kien zamm xi whud mill-haddiema u ma zammx ohrajn. Izda l-ufficjali tal-Bank spjegaw li dawk li inzammu kienu kategoriji differenti specjalment white collar workers, messaggiera, u maids. Ir-rikorrent ma pprova ebda distinzjoni indebita. Infatti skond l-artikolu 6 (1) ta' l-Att VIII tal-1997 "It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab, b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att dwar kull wiehed minn dawn li gejjin…" Minn dan jirrizulta li distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza trid tkun indebita u mhux xi wahda gustifikata bhal ma hu l-kaz in ezami.

Dwar diskriminazzjoni jinghad li hemm diskriminazzjoni meta persuni f'sitwazzjonijiet simili jigu trattati b'mod differenti minghajr ebda gustifikazzjoni ragjonevoli u oggettiva u fejn ma hemmx proporzjonalita' ragjonevoli bejn il-mezzi u l-ghan intenzjonat. Rikorrent irid jipprova li f'sitwazzjonijiet analogi rcieva tratatment differenti, aktar favorevoli. Ir-rikorrent irid jipprova li hu gie trattat b'mod ingust b'paragun ma' persuni ohra f'sitwazzjoni analoga. Jekk is-sitwazzjoni mhux analoga, ma hemmx l-obbligu ta' l-istat li jiggustifika t-trattament differenti – Ara sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali deciza fil-31 ta' Mejju, 1999 fl-ismijiet Dr Victor Sultana vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru. Ara wkoll "Law of the European Convention on Human Rights" - Harris Boyle and Warbrick pag 462 et, u "Law and Practice of the European Convention on Human Rights" - Gomien Harris, and Zwack pag 345 et]. Ara wkoll Vol LXXVII-I-127 u 136.

Bl-istess mod bhal fil-kaz tal-kawza ta' McKay vs Bank of Valletta r-rikorrent qieghed ibati mill-fatt li meta gie mdahhal fl-impjieg hu kien impjegat bhala haddiem irregolari. Hawn wiehed bil-fors ikollu jirreferi ghall-artikolu 110 (6) tal-Kostituzzjoni li jitkellem dwar dhul fl-impieg mal-Gvern. Dan jghid:

"Dhul f' impiegi ma' kull korp stabbilit bil-Kostituzzjoni jew b' xi ligi jew taht xi ligi ohra, u ma' kull socjeta` jew korp iehor li fih il-Gvern ta' Malta, jew xi korp kif intqal qabel, ikollhom sehem bizzejjed biex jikkontrollaw jew li fuqu jkollhom kontroll effettiv, ghandu, kemm-il darba dak id-dhul ma jkunx

sar wara ezami pubbliku li jkun gie avzat kif imiss, isir permezz tas-servizz ghall-impjegar kif provdut fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu."

Ghalhekk id-dhul fl-impieg tar-rikorrent sar bi ksur manifest tal-artiklu 110 subartiklu 6 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Il-pozizzjoni tar-rikorrenti xejn ma kienet sabiha u nies bhalu kienu f' pozizzjoni kompletament fluwida. Ara f'dan is-sens ukoll Rikors Numru: 671/97 fl-ismijiet "Anthony Degiorgio vs Ministru tat-Turizmu u Mediterranean Conference Centre. Ir-rikorrent irid jiftakar li hu ma dahalx mal-Gvern kif suppost u ghalhekk ma jistax jippretendi drittijiet aktar milli suppost. Ghalhekk dan it-Tribunal ma ghandux setgha li jilqa' t-talba tieghu u jitpogga fil-grad ta' messanger II. F'dan is-sens, salv dak li sejjer jinghad hawn taht, it-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat.

Izda hawn wiehed irid iqis fattur iehor – dak li kif xehed is-sur George Sammut – Assistant Direttur fid-Dipartiment tat-Taxxi Interni, ir-rikorrent kien jahdem ta' messaggier u jithallas ta' labourer. Fil-kawza deciza minn dan it-Tribunal fl-ismijiet "Mario Vella vs Direttur tal-Edukazzjoni" deciza fit-2 ta' Novembru, 2000, rikors 128/97 gie deciz li impjegat li ghal zmien twil jaghmel xoghol superjuri ghal grad tieghu u b'mod efficjenti ghandu dritt ghal kumpens finanzjarju. Mhux necessarjament jaghtih d-dritt ghall-promozzjoni. Ara wkoll Anthony Cachia vs Korporazzjoni Enemalta 6 ta' Dicembru, 2000. Ghalhekk it-Tribunal jhoss li ghalkemm it-talba tar-rikorrent ma tistax tigi

milqugha f'dak li jirrigwarda il-grad, xorta ghandu jorda kumpens finanzjarju fl-ammont ta' elf lira maltija [LM1000].

Ghalhekk peress li isib l-ilment tar-rikorrent gustifikat f'dak li jirrigwarda kumpens, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elf lira [LM1000].

Spejjez kontra l-intimat.